MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1672/2001/1

**Joseph SCERRI**

**vs**

**Anna u Joseph konjuġi FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 t'Ottubru, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur Joseph Scerri u l-konvenuta Anna Fenech huma aħwa, ulied Gaetano u Theresa Scerri;

Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond garage bl-isem 'My Nest', f'Palm Street, Ħal-Tarxien permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat 28 ta' Settembru, 1995, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. "A";

Illi bil-fuq imsemmi kuntratt Gaetano Scerri u Theresa Scerri, il-genituri ta’ l-attur, rriservaw favur tagħhom konguntivament u suċċessivament l-usufrutt għal tul ħajjithom tal-garage fuq imsemmi;

Illi Theresa Scerri mietet fis-26 t’Ottubru, 1997 fil-waqt li Gaetano Scerri miet fl-ewwel t’April, 2001;

Illi mal-mewt ta’ Gaetano Scerri, l-attur ippretenda li jieħu pussess tal-garage fuq imsemmi iżda sab illi l-konvenuti kienu qed jokkupaw dan l-istess fond;

Illi l-konvenuti qegħdin jippretendu li jibqgħu jokkupaw ‘il fuq imsemmi garage u dan bis-saħħa ta’ skrittura privata datata sitta (6) ta’ Frar, 2001, li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. “B”, li biha qegħdin jallegaw illi Gaetano Scerri kera dan l-istess garage lilhom għall-perijodu ta’ sittax (16)-il sena mill-ewwel ta’ Frar tas-sena elfejn, versu l-kera ta’ mitt lira maltin (Lm100) fis-sena;

Illi l-attur gia istitwixxa proċeduri sabiex jiżgombra lill-konvenuti mill-fond in kwistjoni (Ċitazz. Nru: 628/00 AJM) u dan billi sad-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni huwa ma kienx konxju tal-fatt illi l-konvenuti kienu qegħdin jippretendu li għandhom titolu ta’ lokazzjoni fuq tali fond;

Illi Gaetano Scerri ġie interdett mis-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta’ digriet tas-26 ta’ Frar, 2001 (Dok. “Ċ”) u anke fi żmien meta saret l-iskrittura privata ta’ lokazzjoni fuq imsemmija, l-istess Gaetano Scerri gia kien ibati minn marda mentali li kienet tirrendih inkapaċi li jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu inkluz li jikri l-fond li tiegħu kien qiegħed igawdi l-uzufrutt, kif ser jiġi pruvat tul is-smiegħ tal-kawża;

Illi, għar-raguni fuq imsemmija, l-iskrittura ta’ lokazzjoni hija waħda nulla u dan a tenur ta’ l-artikolu 968 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta’ Malta) u l-artikolu 525(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara li, fis-sitta (6) ta' Frar, 2001, żmien li sret l- iskrittura privata ta' lokazzjoni bejn Gaetano Scerri u l-konvenuti, l-istess Gaetano Scerri kien afflitt minn marda mentali li kienet tirrendih inkapaċi li jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu inkluz li jikri l-fond garage bl-isem 'My Nest', f'Palm Street, Hal-Tarxien, li tiegħu kien qiegħed igawdi l-uzufrutt;

2. Tiddikjara bħala nulla, invalida u bla effett l-iskrittura privata ta' lokazzjoni bejn Gaetano Scerri u l-konvenuti a tenur ta' l-artikolu 968 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu 525(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-17 ta' Diċembru, 2001, li biha l-imħarrkin miżżewġin Fenech eċċepew:

1. Illi preliminarjament, l-attur irid jipprova dak li qed jallega b'mod partikolari li Gaetano Scerri kien effettivament ibati minn marda mentali li kienet tirrendih inkapaċi milli jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu;

2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr pregudizzju għas-sueċċepit, kuntrarjament għal dak dikjarat mill-attur, Gaetano Scerri kien effettivament ta b'titolu ta' lokazzjoni l-imsemmi fond sa mit-tnax ta' Frar tas-sena elfejn, u ċioe' sa minn sena qabel, kif jirriżulta mill-irċevuta tal-kera rispettanti l-istess fond, li hija hawnhekk annessa u esebita bħala Dok. AF1, u li kien biss sena wara li kienet ġiet iffirmata skrittura privata quddiem nutar pubbliku għall-istess skop;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin miżżewġin Fenech;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imsemmija miżżewġin Fenech flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom u li biha ippremettew:

Illi l-attur huwa d-donatarju tal-mezzanin bl-isem ‘Anna’ kif ukoll tal-garage bl-isem ‘My Nest’ f’Palm Street, Ħal-Tarxien a tenur tal-kuntratt ta’ donazzjoni datat 28 ta’ Settembru, 1995 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin;

Illi tali donazzjoni saret u ġiet aċċettata bil-patt u kundizzjoni illi d-donatarju jieħu ħsieb u kura tal-istess donaturi, u ċioe’ l-ġenituri tiegħu, “sal-gurnata tal-mewt tas-superstiti fosthom”;

Illi minn dan ma sar xejn, u fil-fatt id-donatarju kien abbanduna lid-donaturi, l-aktar lil missieru, wara li kien sar il-kuntratt ta’ donazzjoni fuq ċitat, u li kienu Anna Fenech u ħutha l-bniet li ħadu ħsiebhom;

Illi għaldaqstant l-attur kiser tali kundizzjoni, li hija fundamentali għad-donazzjoni odjerna;

Illi l-intenżjoni ta’ l-attur kienet biss dik li maliżjosament jippussessa ruħu mill-assi tal-genituri tiegħu;

Illi l-esponent Anna Fenech soffriet danni minħabba nuqqas serju da parti ta’ l-attur fil-konfront tagħha kif ukoll tal-genituri donaturi, kif fuq kontemplat;

Għaldaqstant jgħid Joseph Scerri għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni, m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-attur kiser il-kundizzjoni operattiva tal-kuntratt ta’ donazzjoni de quo;

2. Tiddeċiedi u tirrixindi l-kuntratt ta’ donazzjoni odjern;

3. Tordna li tali fond għandu jkun parti formali mill-assi formanti l-patrimonju ereditarju kongunt li għandu jinqasam bejn ta' l-aħwa Xerri;

4. Tordna li tali patrimonju għandu jinqasam f'erba' (4) porzjonijet indaqs bejn l-erbat aħwa Fenech;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-attur li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tar-rikonvenjenti miżżewġin Fenech, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attur rikonvenut Joseph Scerri mressqa fit-3 ta' Jannar, 2002, li biha eċċepixxa:

Fl-ewwel lok in-nullita tal-kontro-talba prezentata mill-konvenuti billi mhux munita mid-debita dikjarazzjoni, billi evidentement id-dikjarazzjoni annessa tirreferi għal ċitazzjoni oħra;

Fit-tieni lok il-kontro talba hija nulla billi ma hemmx in-ness volut mil-liġi bejn it-talba tal-attur u dik tal-konvenuti biex tiġġustifika l-għemil ta' tali-talba;

Fit-tielet lok huwa improponibili li wieħed jitlob diviżjoni ta' fond li skond il-konvenuti jappartjeni lill-wirt tal- genituri tal-partijiet mingħajr ma wieħed jitlob id-divizjoni tal-istess ereditajiet;

Fir-raba' lok in kwantu t-talba tal-atturi tinvolvi ħwejjeg appartenenti lill-wirt tal-genituri tagħhom il-ġudizzju mhux integru mingħajr il-presenza tal-werrieta kollha u għalhekk l-attur għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Fil-ħames lok li l-attur dejjem qeda' l-obbligi kollha tiegħu taħt il-kuntratt ta' donazzjoni ċitat u meta ma kienx f'posizzjoni li jagħmel dan kien ġie espressament esentat milli jagħmel hekk minn missierhu;

Fis-sitt lok id-donazzjoni min-naħa ta' ommhu kienet saret definittiva u irrexindibili bil-mewt tagħha u f'dan ir-rigward l-allegazzjoni tal-konvenut hija irrilevanti;

Fis-seba' lok li ma kienx hemm patt kommissorju espress komminat fid-donazzjoni u għalhekk biex l-attur jitpogga in mora kellha, skond il-liġi, issir att ġudizzjarju li tinterpellah jaqdi l-obbligi tiegħu biex tista' topera d-dekadenza, ħaġa li ma saritx;

Fit-tmien lok li Joseph Fenech ma għandu l-ebda interess f'kawża ta' rexissjoni tad-donazzjoni u diviżjoni proposta fil-kontro-talba u fir-rigward ta' dan l-attur għandu jiġi liberat mill-osservanża tal-ġudizzju;

Fl-aħħar li l-kontro talba tal-konvenuti hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur rikonvenut, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2002, li bih u fuq talba tal-avukat tal-imħarrkin, ordnat il-bidliet fl-okkju tad-dikjarazzjoni mehmuża mal-Kontro-Talba tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt l-imsemmi smigħ li bih l-attur rikonvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu għall-Kontro-talba tal-imħarrkin[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-13 ta' Marzu, 2002, tat-13 ta' Ġunju, 2002, tas-17 t'Ottubru, 2002, tal-20 ta' Frar, 2003, u tal-20 ta' Marzu, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

---

[1] Paġ. 37 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta’ kitba privata minħabba l-inkapaċita’ ċivili ta’ waħda mill-partijiet. L-attur ingħata garaxx f’Ħal Tarxien b’kuntratt ta’ donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu. Huma żammew il-jedd ta’ użufrutt fuq l-imsemmi garaxx għal tul ħajjithom. Meta mietu, ġie biex jidħol fil-fond mogħti lilu, imma l-imħarrkin laqgħulu billi qalu li l-garaxx kien inkera lilhom minn missier l-attur għal sittax-il (16) sena. Il-kitba saret fis-sitta (6) ta’ Frar, 2001. Fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Frar, 2001, ingħata Degriet mis-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili li bih missier l-attur (li jiġi wkoll missier il-konvenuta) ġie interdett milli jagħmel atti ċivili. L-attur qiegħed jgħid għalhekk li l-ftehim ta’ kirja favur oħtu ma jgħoddx għaliex f’dak iż-żmien missieru kien milqut b’kundizzjoni ta’ stat ta’ moħħ li wassal għall-interdizzjoni tiegħu ftit jiem wara;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-kirja kienet seħħet tassew u mhux biss minn Frar tal-2001, meta saret il-kitba, imma saħansitra minn sena qabel. Iridu li tinġieb prova li missier l-imħarrka kien tassew marid minn moħħu. U ressqu talba rikonvenzjonali li biha qegħdin jixlu lill-attur li kiser ir-rabta li kellu mal-ġenituri tiegħu li jibqa’ jieħu ħsiebhom, liema rabta kienet il-kondizzjoni li għaliha ngħata l-garaxx b’donazzjoni. Għalhekk qegħdin jitolbu t-tħassir tal-kuntratt ta’ donazzjoni, u li l-garaxx jinqasam bejn l-aħwa bħala biċċa mill-ġid tal-wirt;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur laqa’ għal din il-kontro-talba billi ċaħad li kien hemm raġunijiet tajba biex il-kuntratt ta’ donazzjoni jiġi mħassar. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet ta’ natura proċedurali, fosthom dik li ma kienx hemm nisġa bejn l-azzjoni tiegħu u l-kontro-talba, li ma tistax tintalab qasma ta’ biċċa biss minn wirt, u wkoll li l-ġudizzju m’huwiex sħiħ;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni jekk hemmx rabta bejn it-talba u l-kontro-talba u wkoll dwar jekk jistax jintalab il-qsim ta' biċċa biss minn wirt;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża f'dan il-waqt, jirriżulta li l-attur u l-imħarrka huma aħwa. L-attur ingħata b'att ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu magħmul fit-28 ta' Settembru, 1995[2], il-meżżanin bl-isem "Anna" u l-garaxx ta' taħtu bl-isem "My Nest", fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, bil-patti hemm imsemmija. Waħda mill-kundizzjonijiet kienet li l-ġenituri tad-donatarju jibqgħu jgawdu l-jedd ta' użufrutt konġuntiv u suċċessiv fuq l-imsemmi fond. L-għotja kienet kondizzjonata bir-rabta li d-donatarju jibqa' jieħu ħsieb lid-donaturi sal-mewt tal-aħħar wieħed fosthom. Fi Frar tal-2001, missier il-partijiet kera l-fond imsemmi lill-imħarrka u żewġha għal żmien sittax-il (16) sena[3]. Tressqet kopja ta' dik li tidher li hija riċevuta li saret fi Frar tal-2000[4]. Missier il-partijiet ġie interdett ċivilment minħabba mard mentali b'degriet tal-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Frar, 2001[5]. Missier il-partijiet miet armel fl-1 t'April, 2001. Il-kawża nfetħet fid-19 t'Ottubru, tal-2001;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni tal-attur li m'hemmx rabta bejn l-azzjoni tiegħu u t-talba rikonvenzjonali, jibda biex jingħad li l-liġi trid li biex talba rikonvenzjonali tista' ssir f'kawża, din irid ikollha rabta mat-talba attriċi, jew għaliex tkun ġejja mill-istess fatt, kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur, jew għaliex l-imħarrek ikollu l-ħsieb li bil-kontro-talba tiegħu jpaċi jew iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew iżomm l-effetti tagħha. L-attur qiegħed isejjes din l-eċċezzjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali. Billi l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' att ġudizzjarju hija proponibbli biss fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 789(1) tal-Kap 12, jidher li din tal-attur rikonvenut tissejjes fuq il-paragrafu (d) tal-imsemmi sub-artikolu;

[2] Dok "A", f'paġġ. 6-9 u Dok "AF2", f'paġġ. 24-6 (fil-fatt għandu paġna nieqsa) tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġġ. 10-1 tal-proċess
[4] Dok "AF1", f'paġ. 23 tal-proċess
[5] Dok "Ċ", f'paġ. 12 tal-proċess

Illi l-azzjoni attriċi hija azzjoni għat-tħassir tal-ftehim ta' kirja li sar bejn missier l-attur u bintu l-imħarrka dwar il-fond "My Nest", Triq il-Palma, Ħal Tarxien. Il-kontro-talba hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' dekadenza min-naħa tal-attur tal-kundizzjoni magħmula f'att ta' donazzjoni magħmul mill-ġenituri tal-kontendenti favur l-attur. Fl-azzjoni rikonvenzjonali hemm talbiet oħrajn, li, madankollu, huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;

Illi l-imħarrkin jissottomettu li l-kontro-talba tagħhomkif magħmula twettaq il-vot tal-paragrafu (b) tal-artikolu 386 tal-Kodiċi tal-Proċedura billi l-ħsieb tagħhom huwa li jġibu fix-xejn l-azzjoni attriċi. Hawnhekk, il-Qorti tħossha fid-dmir li tagħmilha ċara li l-fatt li għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi isejjaħ "speċjali". Għalhekk, il-Qorti m'hijiex soddisfatta li s-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur tal-imħarrkin fit-trattazzjoni tiegħu quddiem il-Qorti għandha mis-sewwa bħala ġustifikazzjoni għat-tressiq ta' kontro-talba dejjem u f'kull każ. Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir[6];

Illi r-raġunijiet għaliex l-eċċezzjoni taħt eżami għandha tiġi mistħarrġa jridu jmorru lejn il-ħsieb veru wara l-istitut tar-rikonvenzjoni. L-abbli difensur tal-attur seħqet li ma hemm l-ebda rabta bejn dak li qiegħed jitlob l-attur u dak li qegħdin jitolbu l-imħarrkin kontrih fil-kontro-talba tagħhom. Hawn wieħed ma jistax jirreferi għall-"istess kuntratt" jew "fatt". Kif ingħad diġa', lanqas l-imħarkin ma qegħdin jiġġustifikaw it-talba rikonvenzjonali fuq il-paragrafu (a) tal-artikolu 396, imma fuq dak ta' warajh. Din il-Qorti, wara li

[6] Ara P.A. GV **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***F.Merċieca & Sons Mobili Ltd. vs George Borġ et***

ħasbet sewwa fuq il-portata tal-kliem tal-paragrafu (b) tal-artikolu 396, issib li dan ma jistax jiġi sewwa mfisser jekk mhux fid-dawl tal-kliem ewlieni ta’ dak l-artikolu, u preċiżament mal-ħtieġa li bejn talba u kontro-talba jrid ikun hemm konnessjoni u li tali konnessjoni trid tinstab bejn l-istess partijiet[7];

Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni meħtieġa mal-azzjoni attriċi biex tista’ trieġi l-kontro-talba, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f’eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b’”konnessjoni” wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha[8]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista’ titressaq kif imiss;

Illi meta l-Qorti tifli sewwa l-azzjoni ewlenija, li hija azzjoni biex tiddikjara nulla kitba li saret bejn missier l-attur u l-imħarrkin, issib li din l-azzjoni ma titnissilx mill-istess fatt komuni li għandu jkun il-bażi tal-kontro-talba. Il-kontro-talba hija msejsa fuq kuntratt ta’ donazzjoni u l-allegat ksur tiegħu min-naħa tal-attur. Il-fatt li fiż-żewġ negozji kien hemm involuta l-istess persuna (missier il-kontendenti) ma jirrendihomx imnissla mill-istess “att”. Minbarra dan, filwaqt li l-qofol tal-azzjoni huwa l-inkapaċita’ tal-missier li jersaq għall-ftehim, il-qofol tar-rikonvenzjoni hija msejsa fuq il-ksur mill-attur tal-kundizzjoni tad-donazzjoni. B’żieda ma’ dan, imbagħad, jingħad li s-suċċess tar-rikonvenzjoni ma jwassalx biex tintemm l-azzjoni, kif jallegaw l-imħarrkin. Fuq kollox, il-provi li huma rilevanti għat-tisħiħ tat-talba huma għal kollox differenti mill-provi li huma rilevanti għat-tisħiħ tal-kontro-talba: u dan għaliex f’tal-ewwel dawn jintrabtu mal-allegata kundizzjoni tal-missier, u f’tat-tieni jintrabtu mal-allegat atteġġament tal-attur;

---

[7] Ara, per eżempju, P.A.**7.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.736**)

[8] Ara per eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammy Meliaq boe vs Oral Attinel pro et***

Illi, għalhekk, fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet u mingħajr ħsara għall-jedd tal-imħarrkin li, jekk jidhrilhom xieraq, iressqu proċeduri fis-sedi opportuna għat-tħassir tal-kuntratt ta’ donazzjoni, il-Qorti ssib li ma teżistix il-konnessjoni bejn l-azzjoni u t-talba rikonvenzjonali kif imfissra mil-liġi u għalhekk tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni tal-attur dwar is-siwi tal-kontro-talba hija mistħoqqa;

Illi, ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tqis it-tielet eċċezzjoni tal-attur għall-istess kontro-talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-attur** għall-kontro-talba tal-imħarrkin miżżewġin Fenech u tiddikjara li l-istess kontro-talba ma tiswiex u hija irritwali għaliex ma tħarisx l-elementi mitluba mill-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-imħarrkin miżżewġin Fenech, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħtal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi tal-attur fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------